Djoċesi ta' Għawdex

# Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

Segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi

**Nru. 487** **Lulju 2017**

## Vidjomessaġġ tal-Papa Franġisku
### Inawgurazzjoni tal-Mużajk tar-Rużarju Mqaddes fuq iz-Zuntier tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, Għawdex, Malta
### Il-Ħadd 18 ta' Ġunju 2017

Għeżież pellegrini, ilqajt bil-ferħ l-istedina li nsellem lilkom kollha miġburin hawn illum quddiem is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, fejn, fi tħaddina kbira ta' dawn il-mużajċi, qed jistennewkom Ġesù u l-Omm tiegħu.

Ix-xbihat taz-Zuntier li llum qed tinawguraw iqegħdulna quddiem għajnejna l-ġmiel ta' talba kontemplattiva, sempliċi, aċċessibbli għal kulħadd, kbar u żgħar: it-talba tar-Rużarju Mqaddes.

Jien ukoll spiss nitlob ir-Rużarju quddiem xbieha tal-mużajk: kwadru ċkejken tal-mużajk tal-Madonna bil-Bambin, fejn donnu fiċ-ċentru jidher li hemm Marija, meta fil-verità, b'dirgħajha, hi ssir bħal sellum li minnu Ġesù jista' jinżel fostna. Iċ-ċentru jibqa' dejjem Ġesù, li jitbaxxa biex jista' jimxi magħna l-bnedmin, sabiex aħna nistgħu nitilgħu l-Ġenna miegħu.

Fit-talba tar-Rużarju aħna nduru lejn il-Verġni Marija, biex tqarribna dejjem aktar lejn Binha Ġesù, biex dejjem nagħrfuh u nħobbuh iżjed. U waqt li ntennu s-Sliema, aħna nimmeditaw il-misteri, it-tappi ta' ferħ, dawl, tbatija u glorja fil-ħajja ta' Kristu, imma anki fil-ħajja tagħna, għax aħna qed nimxu mal-Mulej.

Fil-fatt, din it-talba sempliċi tgħinna nikkontemplaw dak kollu li Alla fi mħabbtu għamel għalina u għas-salvazzjoni tagħna; u tgħinna nifhmu li ħajjitna hi magħquda ma' dik ta' Kristu.

Fit-talb, aħna noffru kollox lil Alla: it-tbatijiet, il-ġrieħi, il-biżgħat, imma anki l-ferħ, id-doni, il-persuni għeżież għalina... kollox lil Alla. Fit-talb, aħna nħallu lil Alla jidħol fiż-żmien tagħna, jilqa' u jibdel dak kollu li aħna qed ngħixu.

Inqdew spiss b'din l-għodda qawwija, li hi t-talba tar-Rużarju Mqaddes, biex iġġib il-paċi fil-qlub, fil-familji, fil-Knisja, fid-dinja.

U nitlobkom, tinsewx titolbu għalija. Il-Mulej iberikkom, u l-Omm Verġni tħariskom.

---

## Papa Franġisku jniedi jum dinji ġdid fil-Knisja – "Jum il-Foqra"

Il-Papa Franġisku għażel it-33 Ħadd tas-Sena bħala "Jum il-Foqra", jum "speċjali" fejn il-Knisja tiddedika ġurnata speċifika fil-kalendarju tagħha biex tirrifletti aktar dwar is-sitwazzjoni tal-"foqra" fid-dinja. Din is-sena, dan il-Jum se jaħbat fid-19 ta' Novembru. Dan il-Jum ġie mwaqqaf mill-Papa fi tmiem il-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena. Ir-riflessjoni li l-Knisja qed tiġi msejħa tagħmel f'dan il-Jum trid twassal biex l-istess komunitajiet Insara jkomplu joħolqu inizjattivi u jersqu aktar qrib ta' min jinsab soċjalment emarġinat, imwarrab, fqir.

**Silta mill-Messaġġ ta' Papa Franġisku għall-I JUM DINJI TAL-FOQRA**

***Ma nħobbux bil-kliem imma bl-għemil***

1. "Uliedi, ma nħobbux bil-kliem u t-tpaċpiċ, imma bl-għemil u bis-sewwa" (1 Ġw 3:18). Dawn il-kelmiet tal-Appostlu Ġwanni jesprimu kmand li l-ebda Nisrani ma jista' jaħrab minnu. ...

6. Fi tmiem il-Ġublew tal-Ħniena ridt noffri lill-Knisja l-*Jum Dinji tal-Foqra*, biex fid-dinja kollha l-komunitajiet Insara jsiru dejjem iżjed u aħjar sinjal konkret tal-imħabba ta' Kristu għall-foqra u dawk l-iżjed fil-bżonn. Mal-Jiem Dinjija l-oħra mwaqqfa mill-Predeċessuri tiegħi, li issa saru tradizzjoni fil-ħajja tal-komunitajiet tagħna, nixtieq jiżdied dan, li fil-ġabra tagħhom flimkien inissel element ta' kompletament evanġeliku mill-isbaħ, jiġifieri l-preferenza ta' Ġesù għall-foqra.

Nistieden lill-Knisja kollha u lill-bnedmin ta' rieda tajba biex, f'dan il-jum, iżommu ħarsithom imsammra fuq dawk kollha li b'idejhom miftuħa qed jokorbu għall-għajnuna u jitolbuna s-solidarjetà tagħna. ...

7. Nixtieq li l-komunitajiet Insara, fil-ġimgħa qabel il-Jum Dinji tal-Foqra, li din is-sena sa jaħbat fid-19 ta' Novembru, it-XXXIII Ħadd ta' Matul is-Sena, iħabirku biex joħolqu tant mumenti ta' laqgħa u ta' ħbiberija, ta' solidarjetà u ta' għajnuna konkreta. Jistgħu mbagħad jistiednu lill-foqra u lill-voluntiera biex jieħdu sehem flimkien fl-Ewkaristija ta' dan il-Ħadd, biex hekk tkun iżjed awtentika ċ-ċelebrazzjoni tas-Solennità ta' Sidna Ġesù Kristu Sultan tal-univers, il-Ħadd ta' wara. ...

F'dan il-Ħadd, jekk fil-post fejn ngħixu hemm foqra li qed ifittxu protezzjoni u għajnuna, ejjew nersqu qrib tagħhom: ikun il-mument it-tajjeb biex niltaqgħu ma' dak Alla li qed infittxu. ...

8. Bħala bażi għal tant inizjattivi konkreti li jistgħu jitwettqu f'dan il-*Jum* ħa jkun hemm dejjem it-*talb*. Ma ninsewx li l-*Missierna* hi t-talba tal-foqra...

9. Nitlob lill-isqfijiet ħuti, lis-saċerdoti, lid-djakni – li b'vokazzjoni għandhom il-missjoni tal-għajnuna lill-foqra –, lill-persuni kkonsagrati, lill-għaqdiet, lill-movimenti u lid-dinja wiesgħa tal-volontarjat biex ilkoll jimpenjaw ruħhom biex dan il-*Jum Dinji tal-Foqra* jsir tradizzjoni li tkun kontribut konkret għall-evanġelizzazzjoni tad-dinja ta' żmienna.

Għalhekk, ħa jsir dan il-*Jum Dinji* ġdid sejħa qawwija lill-kuxjenza tagħna li temmen, biex nikkonvinċu ruħna dejjem aktar li l-qsim mal-foqra jwassalna biex nifhmu l-Vanġelu fil-verità l-aktar profonda tiegħu. Il-foqra mhumiex problema: huma riżorsa li rridu nfittxu biex nistgħu nilqgħu u ngħixu l-qalba tal-Vanġelu. (Ħajr: http://laikos.org/Fr1_Messagg_Jum-Foqra_2017_13062017.htm)

---

**MANIFESTAZZJONI MARJANA F'MARSALFORN**

***Il-Ġimgħa 25 ta' Awwissu 2017***: 6.30pm: Pellegrinaġġ bir-Rużarju | 7.00pm: Quddiesa

| | |
|---|---|
| 1. Is-Sibt | Beatu Nazju Falzon, Kjerku sekulari. Tifkira.<br>L-Ewwel Sibt tax-xahar. Tqarbina Riparatriċi.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja Ragħaj it-Tajjeb, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **2. Il-Ħadd** | **It-Tlettax-il Ħadd tas-sena. Sena A.**<br>**Festa taż-Żjara tal-Madonna lil Eliżabetta (Viżitazzjoni – Parroċċa Għarb).** |
| 3. It-Tnejn | San Tumas, Appostlu. Festa. |
| 4. It-Tlieta. | Santa Eliżabetta tal-Portugal. Tifkira. |
| 5. L-Erbgħa | San Anton Marija Żaccaria Presbiteru. Tifkira.<br>Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani.<br>L-għaxar Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 6. Il-Ħamis | Santa Marija Goretti, Verġni u Martri. Tifkira. |
| 7. Il-Ġimgħa | L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Quddiesa għall-Professjonisti fil-Knisja ta' Santu Wistin, Victoria (8.30p.m.). |
| 8. Is-Sibt | Il-Madonna tas-Sokkors Perpetwu. Tifkira.<br>Griżma tal-Isqof għall-emigranti (Seminarju -5.00pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja tal-Qalb ta' Ġesù, in-Nadur - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **9. Il-Ħadd** | **L-Erbatax-il Ħadd tas-sena. Sena A.**<br>**Festa tal-Madonna tas-Sokkors Perpetwu (Parroċċa Ta' Kerċem).** |
| 10. It-Tnejn | Santa Veronika Giuliani, Verġini. Tifkira. |
| 11. It-Tlieta | San Benedittu, Abbati u Patrun tal-Ewropa. Festa. |
| 12. L-Erbgħa | San Ġwann Gwalbertu. Tifkira.<br>Il-Ħdax-il Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 13. Il-Ħamis | San Enriku.Tifkira.<br>Titfakkar it-3 Dehra tal-Madonna ta' Fatima f'Ta' Ħamet (Adorazzjoni fil-6.00pm u quddiesa fis-7.00pm, wara pellegrinaġġ ta' talb bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima). |
| 14. Il-Ġimgħa | San Kamillu de Lellis, Presbiteru. Tifkira. |
| 15. Is-Sibt | San Bonaventura, Isqof u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Ħamet, ix-Xewkija - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **16. Il-Ħadd** | **Il-Ħmistax-il Ħadd tas-sena. Sena A.**<br>**Festa ta' San Ġorġ (Parroċċa San Ġorġ, ir-Rabat).**<br>Festa Liturġika tal-Madonna tal-Karmnu f'Ta' Ħamet u fix-Xlendi.<br>It-18-il dehra tal-Madonna ġewwa Lourdes. |
| 17. It-Tnejn | Festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Knisja ta' Ħamet: quddiesa fis-6.a.m. Filgħaxija quddiesa konċelebrata preseduta mill-E.T.Mons Mario Grech fis-7.30pm u wara purċissjoni bil-Madonna u tal-Karmnu u barka sagramentali. |
| 19. L-Erbgħa | Laqgħa KDF (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II -7.30pm).<br>It-tnax-il Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 20. Il-Ħamis | Santa Margerita Verġni u Martri. Tifkira. San Elija Profeta. Tifkira. |
| 21. Il-Ġimgħa | San Lawrenz ta' Brindisi, Presbiteru u Duttur tal-Knisja. Tifkira. |
| 22. Is-Sibt | Santa Marija Maddalena. Tifkira (O).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Savina, ir-Rabat - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| **23. Il-Ħadd** | **Is-Sittax-il Ħadd tas-sena. Sena A.**<br>**Festa ta' Santa Margerita (Parroċċa Ta' Sannat).** |
| 24. it-Tnejn | San Sarbelju Makhluf. Presbiteru. Tifkira. |
| 25. It-Tlieta | San Ġakbu, Appostlu. Festa.<br>**Festa fil-knisja ta' San Ġakbu, ir-Rabat.** |
| 26. L-Erbgħa | San Ġwakkin u Sant'Anna, ġenituri tal-Verġni Marija. Tifkira (O).<br>**Festa fil-kappella tad-Dwejra.**<br>It-tlettax-il Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 27.Il-Ħamis | Beatu Titu Brandsma Matri.Tifkira |
| 29 Is-Sibt. | Santa Marta, dixxipla tal-Mulej. Tifkira (O).<br>**Festa ta' Santa Marta fil-Knisja tal-Għonq, ir-Rabat.**<br>Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa ta' Kerċem mis-7.00pm.-9.30p.m.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' San Franġisk, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **30. Il-Ħadd** | **Is-Sbatax- il Ħadd tas-sena. Sena A.**<br>**Festa ta' San Lawrenz (Parroċċa San Lawrenz).** |
| **31. It-Tnejn** | Sant' Injazju ta' Loyola, Fundatur tal-Ġiżwiti. Tifkira.<br>**Festa fil-Kappella ta' Manresa, ir-Rabat.**<br>Tibda l-Kwindiċina ta' Santa Marija. |